**15 ta' Novembru, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo B.A., LL.D.**

John Debono Ross

*versus*

Carmel V. Debono

## Preskrizzjoni – Interruzzjoni

*Il-Ksur tal-preskrizzjoni magħmul b'att ġudizzjarju jitqies bħallikieku ma sarx jekk l-attur jirrinunzja għat-talba jew il-kawża tibqa' deżerta jew jekk it-talba tiġi miċħuda. Iżda, fil-każ ta' rinunzja għat-talba jew ċaħda tat-talba, il-ksur tal-preskrizzjoni jibqa' jseħħ jekk l-attur jerġa' jipproponi l-azzjoni fi żmien xahar mill-jum tar-rinunzja jew ċaħda, basta skond il-liġi jista' jerġa' jġib it-talba 'l quddiem.*

*Dan jgħodd fil-każ biss li l-attur jipproponi mill-ġdid l-istess azzjoni, u mhux azzjoni oħra b'kawżali u b'talba differenti.*

*Huwa meħtieġ ukoll li l-ewwel azzjoni tkun ġiet irrinunzjata jew miċħuda, u mhux li tkun għadha pendenti.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Mejju, 1991, li tgħid hekk:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tat-12 ta' Ottubru 1989, li bih l-attur wara li ppremetta illi fil-21 ta' Ottubru 1950 mietet Giuseppina mart Arturo Debono fil-waqt li fis-7 ta' Frar 1953, miet l-istess Arturo Debono bla ma ħallew testment u li l-eredi tagħhom kienu, barra l-partijiet f'din il-kawża, ħuhom ieħor li jismu Ramiro, u li fost il-wirt li ħallew il-ġenituri Arturo u Giuseppina Debono kien hemm l-inkwilinat u l-avvjament tal-ħanut tal-ħjata ġewwa 35, High Street, Ħamrun;

U wara li ppremetta illi b'kuntratt tal-11 ta' Mejju 1953 ippubblikat min-Nutar Victor Bisazza, fil-waqt li l-attur iddona l-użufrutt u l-użu tal-kwota indiviża tiegħu ta' l-imsemmi avvjament u dritt ta' l-inkwilinat tal-ħanut lil Ramiro Debono, l-istess Ramiro Debono obbliga ruħu li jsejjaħ lill-attur fuq l-att relattiv taċ-ċessjoni u jagħtih terza parti tar-rigal li jkun ġie rikavat mill-istess ċessjoni;

U wara li ppremetta illi l-istess Ramiro Debono miet fit-12 ta' Settembru 1984, u ħalla bħala eredi tiegħu lill-konvenut u li b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' l-10 ta' Novembru 1989, ġie ddikjarat illi fil-mument tal-mewt ta' Ramiro Debono, il-fond 35, High Street, Ħamrun, ma kienx ħanut għaliex il-permess ġie rritornat lill-Kummissarju tal-Pulizija żmien qabel mill-istess Ramiro, u dan kontra l-volontà espressa ta' l-attur, kif ukoll illi ma kienx hemm avvjament għaliex Ramiro Debono kien waqaf milli jaħdem;

U wara li ppremetta illi dan l-aġir illegali ta' Ramiro Debono kkawża danni lill-attur li jikkonsisti f'telf ta' sehem li seta' ħa meta l-fond ġie eventwalment mibjugħ lill-terzi mill-konvenut;

Talab l-istess attur għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

(1) Tiddikjara lill-konvenut, bħala eredi ta' Ramiro Debono, responsabbli għad-danni li ġew ikkawżati lill-attur b'riżultat ta' dak li għamel Ramiro Debono qabel il-mewt tiegħu kontra l-volontà ta' l-attur u *ad insaputa* tiegħu;

(2) Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi llikwidata bħala danni;

Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi qabel xejn l-azzjoni proposta mill-attur hija preskritta skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu, peress illi l-awtur tal-konvenut ma kkommetta l-ebda fatt dannuż;

Rat il-verbal tas-6 ta' Settembru 1990, li bih il-kontendenti qablu li jagħmlu riferenza għax-xhieda fil-kawża fl-istess ismijiet, deċiża *in parte* minn din il-Qorti diversament ippresjeduta, fl-10 ta' Novembru 1989 (Ċitaz. Nru. 168/86);

Rat l-atti kollha tal-kawża fuq imsemmija u s-sentenza ċċitata kif ukoll l-atti kollha ta' din il-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 1991, li bih il-kawża ġiet iddifferita għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

L-attur f'din il-kawża qed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li hu sofra danni bl-azzjoni ta' Ramiro Debono Ross, l-awtur tal-konvenut, meta, kontra l-volontà ta' l-attur u *ad insaputa* tiegħu, irritorna l-permezz tal-ħanut ta' ħajjat f'numru 35, High Street, Ħamrun, lill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll illi fil-mument tal-mewt tiegħu ma kienx hemm avvjament għaliex kien waqaf milli

jaħdem. Mix-xhieda jirriżulta li l-attur, in linea ta' danni, qed jippretendi parti mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond mill-konvenut lil terzi. Il-premessi f'din il-kawża huma kważi identiċi għal dawk fil-kawża l-oħra bejn il-kontendenti fuq riferita. Il-kawżali però huma nettament differenti. Waqt li fl-ewwel kawża l-attur qed jippretendi sehmu miċ-ċessjoni ta' l-inkwilinat u l-avvjament tal-ħanut imsemmi fiċ-ċitazzjoni, f'din il-kawża qed jippretendi li jiġu lilu llikwidati danni riżultanti minn tali ċessjoni magħmula mill-konvenut allegatament lesiva tad-drittijiet tiegħu;

Il-konvenut qed jeċċepixxi in linea preliminari l-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li l-azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġjonati b'reat taqa' bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn;

Jidher li ż-żmien rilevanti biex jibda jiddekorri l-perijodu preskrittiv hu kmieni fl-1984 meta Ramiro Debono Ross talab u ottjena mill-Pulizija l-kanċellament tal-liċenzja tal-ħanut għal raġunijiet ta' saħħa. Hu f'dak il-mument li l-attur qed jallega li l-awtur tal-konvenut, b'azzjoni unilaterali, ikkawżalu d-danni rreklamati. Dan fl-aħjar ipotesi għall-attur. Dan għax l-attur qed jallega wkoll illi d-danni sofrihom meta l-istess Ramiro Debono Ross "waqaf milli jaħdem u b'hekk qatel l-avvjament li dan il-ħanut seta' kellu". Skond l-attur stess, dan kien żmien twil qabel miet u ċertament almenu tliet snin qabel għax l-istess attur kien mar jinsisti mal-pulizija biex iżomm il-permess – liċenzja tal-ħanut ħajja. Ikkonfermat ukoll mill-konvenut: "Fl-aħħar snin, apparti li kien joqgħod id-dar, kien rikoverat fl-isptar tas-Sorijiet tal-Ħamrun. **Dak iż-żmien il-ħanut kien magħluq**". Kif ukoll qalet is-sentenza ta' l-10 ta' Novembru 1989, fuq iċċitata: "Anke qabel ma mar l-isptar (l-Istitut), Ramiro kien refa' mix-xogħol u kien jiftaħ il-ħanut, li kien kamra laterali tar-residenza tiegħu,

biex fih jirċievi xi ħbieb, **jiġifieri mhux kien jaħdem''**;

Hu ċar għalhekk għall-Qorti illi d-danni rreklamati mill-attur, jekk verament ġew ikkaġjonati lilu, setgħu kienu biss riżultat tal-fatt li Ramiro Debono Ross kien waqaf milli jopera l-ħanut, għalqu u b'hekk qatel l-avvjament. Dan għaliex il-permess jew liċenzja ta' ħanut ta' ħajjat fihom infushom ftit jew xejn għandhom valur ekonomiku għax huma faċilment ottenibbli. Il-valur tal-kirja in kwistjoni kien ukoll sadanittant sfuma billi din kienet spiċċat bil-konfużjoni fil-persuna ta' l-istess Ramiro ta' l-inkwilinat u tal-proprjetà meta hu akkwista l-fond b'xiri. Dan ifisser illi l-attur kien f'posizzjoni li jiddetermina illi hu beda jsofri d-danni issa rreklamati mill-mument ta' l-azzjoni għalih illegali u noċiva ta' l-għeluq tal-ħanut li bħala konsegwenza immedjata u diretta tagħha nqatel l-avvjament u kull *goodwill;*

Hu ovvju għalhekk li l-perijodu preskrittiv ta' sentejn kien diġà ddekorra sal-mument meta ġiet intavolata l-ewwel kawża fl-20 ta' Frar 1986, jekk mhux anki meta kien miet l-istess Ramiro Debono Ross fit-12 ta' Settemrbu 1984. Ma jirriżultax li sar mill-attur xi att interruttiv tad-dekors tal-perijodu preskrittiv u dan lanqas ma hu allegat mill-attur fl-ewwel ċitazzjoni tiegħu;

Il-Qorti tifhem li, anke kieku hemm dubju dwar dan, l-attur mhux f'posizzjoni illi jopponi l-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv bin-notifika lill-konvenut ta' l-ewwel ċitazzjoni fuq imsemmija, *dato e non concesso* li sa dak iż-żmien dan ma kienx għadu ddekorra. Infatti diġà ġie rrilevat illi, għalkemm il-premessi huma simili fiż-żewġ kawżi u jiskaturixxu mill-istess sitwazzjoni ta' fatt, il-kawżali taż-żewġ kawżi huma għal kollox differenti kif huma wkoll differenti *toto coelo* t-talbiet. Japplikaw għaż-żewġ azzjonijiet ukoll konsegwentement perijodi preskrittivi

differenti bbażati fuq in-natura distinta tagħhom. L-attur għalhekk ma jistax jipprevalixxi ruħu minn din iċ-ċirkostanza tal-presentata ta' l-ewwel ċitazzjoni biex jakkampa l-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv għaliex hu ċar li l-att interruttiv tal-preskrizzjoni jrid ikun dirett lejn l-azzjoni li jkun intenzjonat li jżomm ħajja u mhux għal kull azzjoni ta' kull *indole* u natura li jistgħu jemanu minn determinata sitwazzjoni ta' fatt. Jiġi rrilevat ukoll li fil-każ in diżamina, anqas jistgħu jiġu applikati l-prinċipji aċċettati fil-ġurisprudenza fejn il-perijodu preskrittiv jiġi interrott b'att ġudizzjarju u jibqa' hekk interrott pendenti l-proċeduri;

"Illi b'liġi espressa (artikolu 2237 tal-Kodiċi Ċivili) il-ksur tal-preskrizzjoni magħmula b'att ġudizzjarju jitqies bħallikieku ma sarx jekk l-attur jirrinunzja għat-talba, jew il-kawża tibqa' deżerta jew jekk it-talba tiġi miċħuda. **Salv il-każ** għal dik li hi rinunzja għal talba jew ċaħda tat-talba, ta' l-attur meta skond il-liġi jista' jerġa' jġibha 'l quddiem, jirriproponiha fi żmien xahar mill-jum tar-rinunzja jew ċaħda". (Vol. XXXVII, P. III, p. 834);

Hu ovvju li l-liġi tipprevedi li l-perijodu interrot tal-preskrizzjoni jista' jibqa' hekk interrott biss u l-azzjoni tibqa' ħajja jekk tista' tiġi proposta mill-ġdid l-**istess** azzjoni u mhux azzjoni oħra b'kawżali u talba differenti. Tippresupponi inoltre li l-ewwel azzjoni tkun ġiet **irrinunzjata jew miċħuda** f'termini li fihom tista' tiġi riproposta. Fil-każ in eżami, l-ewwel azzjoni għadha pendenti;

L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut hi għalhekk valida u ser tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tħoss li għandha tirrileva wkoll:

1. Illi l-obbligu ta' Ramiro Debono Ross jidher li kien biss li jsejjaħ lill-attur f'każ biss li jagħmel xi kuntratt ta' ċessjoni ta' l-inkwilinat u avvjament tal-ħanut favur terzi biex jieħu sehmu mir-rigal miftiehem. Ma jirriżultax li sar xi trasferiment simili;

2. Konsegwentement la Ramiro Debono Ross u lanqas il-konvenut ma jirriżulta li nkassaw xi rigal jew kumpens ieħor in konnessjoni ma' dan l-avvjament jew inkwilinat. Il-konvenut, kif kellu kull dritt jagħmel appena wiritha, biegħ id-dar bħala *bare premises* u dar ta' abitazzjoni u l-eba parti tar-rikavat ma kienet b'xi mod irrelatata għan-negozju li żmien qabel kien jiġġestixxi fih l-awtur tiegħu;

3. Ma kien hemm l-ebda ftehim ma' l-attur li l-istess Ramiro Debono Ross kellu, a kwalunkwe kost, jibqa' jaħdem jew iżomm il-ħanut miftuħ, attiv u avvjat taħt kull ċirkostanza. Jidher li l-istess Debono Ross tħalla fil-libertà sħiħa f'dan ir-rigward. Jidher li lanqas l-attur ma kellu l-ħsieb li jorbot lil Ramiro Debono Ross li jibqa' jopera l-ħanut fix-xjuħija tiegħu inoltrata u meta jimrad. Il-ħsieb tal-kontraenti kien ċar li l-attur jipparteċipa minn kull rigal li seta' jiġi rrikavat mit-trasferiment b'ċessjoni tal-ħanut favur terzi. Eventwalità li, kif ġew iċ-ċirkostanzi, ma avverratx ruħha. Il-ħtija ta' Ramiro Debono Ross kif lilu addebitata mill-attur ma tirriżultax;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenut u konsegwentement tiċħad it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' John Debono Ross li permezz tagħha talab li din il-Qorti, jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat;

Rat ir-risposta ta' Carmel V. Debono fejn talab li din il-Qorti għandha tikkonferma s-sentenza appellata bħala ġusta;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża fejn l-attur appellant qiegħed jitlob likwidazzjoni għad-danni peress illi l-konvenut appellat b'aġir negliġenti jew irresponsabbli tiegħu tellfu terz tar-rikavat li seta' kellu mill-inkwilinat u l-avvjament tal-ħanut 35, Saint Joseph's High Road, Ħamrun, u dana skond att tan-Nutar Victor Bisazza tal-11 ta' Mejju 1953. L-użu u l-użufrutt ta' dan l-istess inkwilinat u avvjament kienu ġew iddonati mill-attur lil ħu l-partijiet, il-mejjet Ramiro Debono Ross, li tiegħu l-konvenut huwa l-uniku eredi. L-istess mejjet kien obbliga ruħu f'dan l-Att "illi jsejjaħ lill-komparenti John Debono fuq l-att relattiv taċ-ċessjoni u jtih it-terza parti tar-rigal li jkun ġie rrikavat minn dina l-istess ċessjoni";

Jirriżulta li ċessjoni ta' l-inkwilinat tal-ħanut bl-avvjament qatt ma saret, l-ewwel għax il-mejjet kien akkwista l-proprjetà u allura saret konfużjoni, it-tieni nett, u forsi ta' aktar relevanza għal din il-kawża, għax l-istess mejjet kien irritorna l-permess tal-ħanut u waqaf milli jaħdem u, għalhekk, kwalunkwe

avvjament li seta' kien hemm tal-ħanut spiċċa;

Il-konvenut appellat eċċepixxa, fost affarijiet oħra, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għalkemm għamlet xi osservazzjonijiet fuq il-mertu, iddeċidiet il-kawża fuq il-bażi ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u għalhekk, din il-Qorti għandha tillimita ruħha għal dan il-punt f'dan l-Appell;

M'huwiex ikkontestat illi l-mejjet Ramiro Debono waqaf jaħdem għax marad, iżda xorta għal ċertu żmien żamm il-permess tal-ħanut fuqu qabel ma rritornah kmieni fl-1984. Biex wieħed jagħti l-interpretazzjoni restrittiva ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, għalhekk, ikun aċċettabbli li nsostnu li seta' kien hemm xi avvjament anke wara li waqaf jaħdem il-mejjet, iżda meta kien għad għandu l-permess relattiv. Id-data rilevanti allura hija dik ta' l-1984;

Illi ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fit-12 ta' Diċembru 1989, u jidher li ma saret ebda interuzzjoni, ħlief li l-attur appellant qiegħed isostni li din l-interruzzjoni saret bin-notifika lill-konvenut ta' ċitazzjoni oħra li hemm bejn il-partijiet;

Illi, però, kif innotat tajjeb l-ewwel Qorti, għalkemm il-premessi fiż-żewġ kawżi huma simili u jiskaturixxu mill-istess sitwazzjoni ta' fatt, it-talbiet huma differenti u ma jistax l-appellant jippretendi li bin-notifika ta' din il-kawża l-oħra huwa waqqaf iż-żmien għall-preskrizzjoni f'din il-kawża;

Id-dati rilevanti, allura, huma l-bidu ta' l-1984 u t-12 ta' Diċembru 1989, bejn liema żewġ dati għaddew aktar minn ħames

(5) snin;

Illi l-mod kif hija impostata l-kawża hija proprju dik ta' azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat kif ikkontemplat f'artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Din l-azzjoni hija preskritta b'perijodu ta' sentejn;

Illi però, anke, jekk għandu jiġi applikat perijodu itwal ta' preskrizzjoni, u ċjoè dik ta' ħames snin, dan iż-żmien ukoll għadda. Din l-eċċezzjoni, kif kellu d-dritt jagħmel, ingħatat mill-appellat fir-risposta ta' l-Appell tiegħu;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddikjara l-azzjoni ta' l-attur appellant preskritta, tiċħad l-appell u konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent.